# Strumenti Mużikali
## *it-tieni parti*

**Dr Anton John Mifsud LL.B., Dip. Not. Pub., M.A. (Financial Services), LL.D.**

*Għalkemm ilkoll nitpaxxew bil-ħoss tal-banda tant sinonimu mal-istaġun tal-festi parrokkjali u parati ta' importanza nazzjonali, ftit huma dawk li jafu x'inhuma l-istrumenti u taqsimiet ewlenin li jifformaw banda. Wara l-kontribuzzjoni tas-sena l-oħra, id-delegat tal-Banda San Leonardo, Anton J. Mifsud, ikompli jwasslilna tagħrif storiku u tekniku tal-istrumenti li jaqgħu taħt il-kategorija tar-ram.*

### *Brass*

L-istrumenti *brass* jindaqqu b'mod differenti mill-*woodwind*. Filwaqt li fl-istrumenti *woodwind* il-mużika tinħoloq bil-vibrazzjoni tal-qasba, f'dawk *brass*, il-mużika tinħoloq bil-vibrazzjoni ta' xufftejn il-mużiċist stess. Il-familja *brass* hija maqsuma f'żewġ tipi: l-istrumenti bil-valvi, bħall-kurunetta u t-trumbetta, u dawk bl-i*slide*, bħat-trumbun. Bħal fil-każ tal-*woodwind*, il-volum tal-arja jiġi kkontrollat kemm bl-għafis, din id-darba tal-valvi, kif ukoll billi wieħed jissikka jew jagħfas iktar xufftejh mal-istrument. Meta wieħed jagħfas il-valvi tal-istrument ikun qiegħed jagħlaq xi tubi u b'hekk l-arja jkollha tgħaddi minn tubi oħrajn. Differenza kbira bejn il-*woodwind* u l-*brass* hija l-post minn fejn joħroġ il-ħoss. Fil-*woodwind*, il-ħoss joħroġ mill-ewwel toqba li jsib miftuħa, filwaqt li fil-*brass*, l-unika toqba miftuħa qiegħda fit-tarf tal-istrument. Dan ifisser li meta tiġi biex tirrekordja biċċa mużika, il-ħoss ta' strument *brass* ikun aktar konsistenti minn wieħed *woodwind*, u dan minħabba l-pożizzjoni tal-*microphones*.

Il-materjal użat għal din il-familja ta' strumenti ġeneralment huwa r-ram, li f'ċerti każi jkun ibbanjat bil-fidda jew anke deheb. Fattur komuni għall-istrumenti *brass* kollha huwa li tista' tiġi mwaħħla *mute* mat-tromba tal-istrument. Din tintuża biex tbiddel il-ħoss u anke toħloq effetti mużikali speċjali. Din il-*mute* tista' tinxtara apposta, però kull oġġett jista' jservi ta' *mute,* per eżempju idejn l-istess mużiċist jew anke xi kappell.

### It-trumbetta

It-trumbetti jmorru lura sa żewġ millennji Q.K – infatti nstabu xi mudelli minnhom fl-Eġittu magħmulin mill-bronż u l-fidda. Dak iż-żmien kienu jintużaw biss bħala strumenti militari. Fil-Bibbja għandna refenzi għal dan il-fatt fl-istorja ta' meta Ġoxwà waqqa' l-ħajt ta' Ġeriko bid-daqq tat-trumbetti. Il-forma tagħha għall-bidu kienet dik ta' tubu twil iżda sas-seklu 14 dan it-tubu kien beda jiġi mgħawweġ forma ta' ittra 'S'. Sa dak iż-żmien, peress li ma kinux għadhom ġew żviluppati l-valvi, in-noti kienu jinbidlu billi tiżdied jew tonqos it-tensjoni ta' xufftejn il-mużiċist mal-bokkatura tal-istrument. Fil-Medju Evu l-mod kif wieħed idoqq it-trumbetta kien jinżamm qisu xi sigriet u tista' tgħid li kien biss fil-fratellanzi ta' dak iż-żmien li wieħed seta' jitgħallem idoqq dan l-istrument. Is-suldati li kienu jafu jdoqqu t-trumbetta kienu meqjusin bħala pprivileġġjati minħabba li kienu jwasslu messaġġi militari bil-ħoss tal-istrument. Il-kurunetta kif nafuha llum, jiġifieri dik

bi tlett valvi, ġiet żviluppata fis-sena 1813 u kien minn dan iż-żmien li mużiċisti madwar id-dinja għarfu l-potenzjal kbir ta' dan l-istrument u ma baqgħux jarawh sempliċement bħala strument militari.

It-tubu tal-kurunetta għandu tul ta' 1.4 metri u huwa mgħawweġ u mdawwar fuqu nnifsu, bħall-istrumenti kollha tal-*brass*. Il-kurunetta jkollha 3 jew 4 valvi, għalkemm dawk bi 3 huma aktar komuni. Hi magħrufa l-aktar għall-ħoss brillanti u b'saħħtu li hu qawwi aktar minn dak ta' strumenti oħra, u b'hekk saret popolari aktar mill-kurunetta. It-trumbetta tal-orkestra hija dik in *Sib* iżda jeżistu wkoll mudelli oħra, bħal dawk *in Do, Re, Mi Mib, Fa, Sol* u *La*, trumbetta *bass*, u trumbetta li taħdem bl-i*slide* minflok bil-valvi.

It-trumbetta hija użata għal kull ġeneru ta' mużika; klassika, *jazz, rock, pop, blues, polka* u anke *funk*.

## Kurunetta



Il-kurunetta u t-trumbetta huma żewġ strumenti li jixxiebhu ħafna, però l-kurunetta hija xi ftit iqsar u l-ħoss ukoll hu xi ftit differenti. Il-kurunetta ġiet żviluppata minn strument ieħor tar-ram, li iżda, ma kellux valvi – il-*posthorn*. Dan l-iżvilupp sar possibbli wara l-invenzjoni tal-valvi fil-bidu tas-seklu 19 u l-kurunetta malajr sabet ruħha fil-banda, fl-orkestra, u bi prominenza kbira fil-*brass bands*.

It-tubu tal-kurunetta huwa mdawwar f'diversi tundjaturi u għandu tul ta' madwar metru u nofs. Dan l-istrument għandu tlett valvi, u rari jkollu erbgħa. In-noti differenti jindaqqu, bħall-bqija tal-istrumenti tar-ram, billi jingħafsu dawn il-valvi u tiżdied jew tonqos il-pressjoni bix-xofftejn fuq il-bokkatura.

Jeżistu diversi tipi ta' kurunetti, fosthom in *Sib, Do, La,* u *Mib*. Bosta kompożituri kitbu xogħlijiet għall-kurunetta, ħafna drabi b'akkumpanjament mit-trumbetta, jew viċi-versa. It-trumbetta, li ġiet żviluppata ftit wara l-kurunetta, malajr ħadet post din tal-aħħar, ħlief fil-*brass bands*. Dan ma jfissirx li l-kurunetta ma baqgħetx strument popolari; infatti trumbettisti kbar bħal Louis Armstrong u King Oliver sikwit kienu jużaw il-kurunetta minflok it-trumbetta biex idoqqu xi biċċa mużika *jazz*.

## Il-Flukurnu



Dan l-istrument jixbah ħafna lill-kurunetta però ġej mill-familja tal-*bugle*. Il-*bugle* iżda kien strument li ma kellux valvi. Hawn ukoll min jemmen li dan ġej mill-familja tas-saxophone. Il-flukurnu ġie żviluppat fil-Ġermanja u kien jintuża l-aktar f'ċerimonji militari u anke biex isejjaħ lis-suldati għall-battalja.

Il-flukurnu, bħall-kurunetta u t-trumbetta spiss ikollu tliet valvi però jista' jkollu erbgħa wkoll. Il-bokkatura hija kemxejn differenti għax fil-każ tal-flukurnu din tkun xi ftit akbar.

Huwa strument popolari ħafna speċjalment fil-*brass bands* u jintuża ħafna għall-mużika *jazz*. Miles Davis kien pijunier fl-introduzzjoni tal-flukurnu fil-kamp tal-mużika *jazz*. Sallum għadu popolari ħafna f'baned militari, anke peress li huwa strument ideali sabiex idoqq fanfarra.

## Il-Kornu



Dan l-istrument ġie żviluppat fis-sena 1650 ġewwa Franza mill-*cor de chasse* li kien tip ta' strument li jintuża għall-kaċċa. Għalkemm ħafna nies jafuh bħala *'French Horn'*, fl-1960 l-*International Horn Society* iddikjarat li l-isem uffiċjali tiegħu kellu jkun *'Horn.'*

It-tubu tal-kornu huwa mdawwar f'diversi tundjaturi u għandu tul ta' madwar 3.7 metri. Dan l-istrument għandu tlett valvi, u t-tarf tiegħu għandu forma ta' qanpiena kbira li tintuża biex il-mużiċist idaħħal idu fiha biex ikun jista' jżomm l-istrument. B'dan il-mod il-mużiċist ikun jista' jikkontrolla wkoll it-ton tal-ħoss, teknika magħrufa aktar bħala *'hand-stopping'.* Il-valvi ta' dan l-istrument ġew ivvintati fis-seklu 19 u b'hekk sar strument aktar flessibbli milli kien qabel. Qabel l-introduzzjoni tal-valvi, in-noti kienu jinbidlu billi l-mużiċist ivarja t-tensjoni ta' xufftejh mal-bokkatura tal-kornu. Il-bokkatura ta' dan l-istrument hija pjuttost żgħira.

Kien il-kompożitur Franċiż Jean Baptiste Lully li ntroduċa l-kornu fl-orkestra fis-sena 1664. Huwa strument li għandu rwol importanti ħafna speċjalment fil-mużika li tiġi miktuba għal xi films, l-aktar fejn ikun hemm xi xena ta' gwerra fejn jintużaw iż-żwiemel.

## Althorn



Il-bniedem li żviluppa dan l-istrument kien Adolphe Sax, l-istess bniedem li ħoloq is-saxophone.

Il-forma tiegħu hija simili ħafna għal tal-ewfonju u l-baxx (tuba). Il-ħoss sabiħ tal-althorn (kif ukoll tal-ewfonju u tal-baxx) huwa dovut għall-mod kif inhu mibni l-istrument. Dan minħabba li d-dijametru tat-tubu li jibda minn fejn titwaħħal il-bokkatura, sat-tarf tal-istrument jeħxien naqra naqra b'mod konsistenti. B'hekk il-ħoss tiegħu huwa kemxejn artab u ġentili, komparat mal-qawwa tat-trumbetta u t-trumbun, li d-daqs tad-dijametru tat-tubu tagħhom huwa konsistenti fil-ħxuna.

Dan l-istrument huwa popolari ħafna fil-baned li jimmarċjaw fit-toroq u anke fil-*brass bands*. Dan minħabba l-abilità tiegħu

li jimla l-melodija tat-trumbetta, kurunetta u l-flukrunu. Minkejja dan, huwa rari li ssib dan l-istrument fl-orkestra tant li sal-lum għad m'għandux post fiss. Dan ma jistax jingħad għall-programmi mużikali li jittellgħu mill-baned Maltin u dan għaliex dan l-istrument jintuża spiss għal partijiet *solo*.

## Ewfonju



L-isem ta' dan l-istrument ġej mill-kelma Griega *'euphonion'* li tfisser 'vuċi ħelwa' jew 'ħoss sabiħ'. Dan l-istrument ġie żviluppat fil-bidu tas-seklu 18 minn żewġ strumenti oħra, l-*ophicleide* u s-*serpent*. Ma nafux eżatt min ħoloq l-ewfonju, però l-aktar persuna msemmija hija Herr Sommer minn *Weimar* li ħafna jemmnu li żviluppa dan l-istrument fis-sena 1843. Carl Moritz (1838) u Adolphe Sax (1843) ukoll huma ismijiet konnessi mal-iżvilupp tal-ewfonju.

Dan l-istrument normalment ikollu tliet valvi iżda jista' jkollu erbgħa biex jilħaq aktar noti. Invenzjoni unika seħħet fl-Istati Uniti fejn inħoloq tip ta' ewfonju b'żewġ trombi fit-tarf flok bi tromba waħda. It-tromba ż-żgħira kellha r-rwol li timita l-ħoss tat-trumbun. Dan l-istrument iżda qatt ma sab postu fl-orkestra u lanqas fil-baned Maltin. Illum nistgħu ngħidu li dan l-istrument issibu biss għand il-kollezzjonisti u l-aħħar darba li deher fuq katalgu mużikali kien fis-sittinijiet tas-seklu l-ieħor.

It-tradizzjoni mużikali hija li l-mużika għall-ewfonju fl-Ingilterra hija miktuba fit-*treble clef*, filwaqt li fl-Ewropa il-mużika tkun miktuba fil-*bass clef*. Naturalment dan joħloq diffikultà minħabba li jkun hemm bżonn xi arranġamenti mużikali meta l-mużiċist ma jkunx jaf idoqq f'xi waħda minn dawn iż-żewġ *clefs*. Għalkemm l-irfis tan-noti ta' dan l-istrument huwa simili ħafna għal xi strumenti oħra fis-sezzjoni tal-*brass*, l-ewfonju huwa wieħed mill-iktar strumenti diffiċli biex titgħallimhom. Dan minħabba li wieħed idum xi ftit sakemm jidra jikkontrolla n-nifs u jibda joħroġ ħoss ta' kwalità tajba.

L-ewfonju huwa strument popolari ħafna speċjalment fil-*brass bands* u fid-daqq tal-mużika *jazz*. Għalkemm rarament, ġieli ntuża wkoll għal mużika *rock* u *funk*. Fil-baned Maltin dan l-istrument għandu rwol importanti ħafna speċjalment minħabba li jkollu jagħmel ħafna partijiet *solo*. Mhux l-istess jista' jingħad fejn tidħol il-mużika klassika tal-orkestra. Dan ma jfissirx li qatt ma nkitbet mużika għal dan l-istrument. Infatti nsibu bosta xogħlijiet klassiċi miktuba lejn l-aħħar tal-perjodu Romantiku. John Philip Sousa kien wieħed mill-kompożituri li ħadem kemm felaħ biex joħloq mużika li toħroġ kemm tista' l-qawwa ta' dan l-istrument, madankollu, l-ewfonju baqa' qatt ma sab post fiss fl-orkestra.

## Trumbun

Il-kelma 'trumbun' ġejja mit-Taljan *'tromba'* li tfisser 'trumbetta' - il-kelma 'trumbun' tfisser 'trumbetta kbira'. L-oriġini tat-trumbun imur lura sal-1495 fl-Ingilterra u dak iż-żmien

kien jissejjaħ *'sackbut'*. It-trumbun oriġina l-aktar bħala esperimentazzjoni biex jinħoloq strument li jkun aqwa mit-trumbetta. L-ewwel trumbuni kienu kemxejn iżgħar minn dawk tal-lum. Sas-seklu 18 it-trumbun akkwista l-forma u l-isem li għandu llum il-ġurnata għalkemm nistgħu ngħidu li l-forma tat-trumbun modern ftit li xejn hija differenti minn dik li kienet fil-bidu. Naturalment dan ma jfissirx li mal-medda taż-żmien ma kienx hemm żvilupp fil-kwalità tal-ħoss ta' dan l-istrument.



It-trumbun għandu forma pjuttost sempliċi u jikkonsisti f'tubu twil u mdawwar fih innifsu b'fetħa forma ta' qanpiena. It-trumbun jista jkollu l-valvi bħall-istrumenti l-oħrajn, però jeżistu wkoll trumbuni li minflok valvi jkollhom *slide* li biha wieħed jikkontrolla t-tul l-arja fl-istrument u b'hekk jinbidlu l-ħsejjes mużikali. Naturalment, minħabba l-*friction*, din is-*slide* trid tiġi lubrikata ta' spiss b'likwidi apposta. It-trumbuni bl-is*lide* huma aktar popolari minn dawk bil-valvi. Dan ma jfissirx li t-trumbuni bil-valvi m'għadx għandhom użu. Infatti t-trumbun bil-valvi huwa utli ħafna biex tindaqq xi biċċa mużika mgħaġġla ħafna u hija għal din ir-raġuni li wieħed għadu jsib dan it-tip ta' strument fis-suq.

Fost l-aktar tip ta' trumbun użat insibu t-trumbun tenur. Jeżisti wkoll it-trumbun baxx li huwa akbar mit-tenur, u apparti s-*slide* ikollu wkoll valv jew tnejn li jintużaw biex jipproduċu noti fil-baxx aktar min-normal. Jeżistu wkoll bosta tipi ta' trumbuni oħra bħal dawk *in Sib*, u *in Fa*, it-trumbun *sopranino* u l-*piccolo* li iżda mhumiex daqshekk popolari. Tip ta' trumbun ġdid imsejjaħ *'superbone'* inħoloq fis-seklu għoxrin li għandu kemm valvi u *slide*, iżda dan l-istrument ma kisibx popolarità.

Sas-seklu 16 it-trumbun kien diġà kiseb popolarità kbira mal-kompożituri speċjalment fejn tidħol mużika sagra. Xogħlijiet antiki għat-trumbun jinkludu d-"Don Giovanni" (1787) ta' Wolfgang Amadeus Mozart u l-"Ħames Sinfonija" (1808) ta' Ludwig van Beethoven. Infatti ħafna kompożituri ġew influwenzati mmens minn Beethoven u bdew jiktbu aktar xogħlijiet għal dan l-istrument. Fost dawn nistgħu nsemmu lil Franz Schubert, Franz Berwald, Johannes Brahms, Robert Schumann, Felix Mendelssohn Bartholdy, Richard Wagner, Hector Berlioz, Gioacchino Rossini, Giuseppe Verdi, Giacomo Puccini, Franz Liszt, Richard Strauss, Anton Bruckner, Gustav Mahler, Piotr Ilyich Tchaikovsky, Nikolai Rimsky-Korsakov, Alexander Borodin, Bedřich Smetana, Antonín Dvořák, Charles Gounod, César Franck, Claude Debussy u Camille Saint-Saëns. Ir-repertorju tat-trumbun bħala strument *solo* nistgħu ngħidu li beda fl-Awstrija. B'danakollu t-trumbun ma sabx post fiss fl-orkestra qabel is-snin ta' wara l-1850. Huwa strument popolari ferm fil-baned militari però jintuża wkoll għal mużika tal-films kif ukoll għal mużika *salsa, jazz* u *swing*.

**Tuba / Baxx**

Flimkien mal-althorn u l-ewfonju, li lkoll għandhom l-istess forma però jvarjaw fid-daqs, il-baxx huwa wieħed mill-istrumenti li ġew żviluppati pjuttost tard. Il-*patent* tiegħu ġiet irreġistrata fl-1835 mis-surmast Prussjan Friedrich Wilhelm Wieprecht u l-Ġermaniż Johann Gottfried Moritz, li kien jimmanifattura l-istrumenti.

Dan l-istrument huwa l-akbar wieħed fost l-istrumenti tal-*brass*, u l-aktar wieħed li kapaċi jdoqq noti fil-baxx. Normalment ikollu tlett jew erba' valvi iżda jeżistu mudelli li jkollhom sitta. Huwa magħmul i*n Mib, Si, Sib, Do* u anke *in Fa*. Minħabba l-kobor tiegħu dan l-istrument irid jintrabat ma' dahar il-mużiċist għas-sapport.



F'orkestra ġeneralment insibu baxx wieħed biss filwaqt li fil-baned Maltin huwa normali li jkollok minn tnejn sa erba' baxxi. L-ewwel xogħol importanti miktub għall-baxx kien *"Symphonie Fantastique"* ta' Hector Berlioz. Dan ix-xogħol oriġinarjament kien miktub għal strument ieħor, l-*ophicleides*, però meta l-kompożitur sema' l-ħoss tal-baxx, iddeċieda li jibdel il-kompożizzjoni tiegħu u jadattaha għal dan l-istrument. Minħabba l-versatilità tiegħu dan l-istrument huwa użat tista' tgħid għal kull ġeneru ta' mużika u huwa adattat anke biex idoqq partijiet *solo*. Il-baxx huwa strument popolari ħafna fil-*brass bands* u anke fil-*jazz*, fejn ilu jintuża minn kemm ilha teżisti din it-tip ta' mużika.

Referenzi:
The World Book Encyclopaedia.
Microsoft Encarta
www.wikipedia.org